MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 706/2008

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Nadine Roxane Pace Wismayer**
**(ID-367203-L)**
**u Nicholas Pace Debono (ID-417276-M)**

## It- Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Settembru, 2008 fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` Euro2,376.96c rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma` servizzi telefonici fuq in-numri 21272390 u 21373494 (AC 10131907) u 21377563 (AC 40021170) kif jirrizulta minn diversi kontijiet mibghuta u kif ukoll mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok. IZY 1 sa Dok. IZY 4.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Nicholas Pace Debono datata 9 ta` Dicembru, 2008 in forza ta` liema kkontesta t-talba attrici fil-konfront tieghu fis-sens illi huwa ma kellu jaghti xejn lis-socjeta` attrici.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Gie notat illi ghalkemm il-konvenuta giet legalment notifikata, hija baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u wisq anqas dehret fis-seduti li saru nonostante li giet mghajta.

Ra n-nota ta` mistoqsijiet li s-socjeta` attrici riedet taghmel lill-konvenuta in subizzjoni sabiex b’hekk jigi ppruvat li l-ammont mitlub fil-konfront taghha fil-fatt jigi affermat minnha stess.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet imsejjha diversi drabi sabiex twiegeb ghad-domandi li kellhom isirulha in subizzjoni hija naqset li tidher kemm fis-seduta ta` nhar id-29 ta` Jannar, 2009 u kif ukoll fis-seduta ta` llum u ghalhekk dan it-Tribunal qed iqis l-istess domandi in subizzjoni bhala debitament mistqarra mill-konvenuta.

Ezamina wkoll id-dokumenti ezebiti ma` l-avviz.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jiddeciedi fuq is-subizzjoni tal-konvenuta billi jilqa` t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta Nadine Roxane Pace Wismayer u kwindi jikkundannha sabiex thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta` Euro2,376.96c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz sal-hlas effettiv ghas-saldu filwaqt li jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront ta` l-konvenut l-iehor Nicholas Pace Debono. Il-Kap ta` l-ispejjez jibqghu riservati  ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------